**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.9301 — KDDI/Mitsubishi UFJ Securities Holdings/Kabu.com)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2019/C 75/06)

1. Fil-21 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— KDDI Corporation ("KDDI", il-Ġappun);

— Mitsubishi UFJ Securities Holdings Co. Ltd ("Mitsubishi Securities", il-Ġappun), ikkontrollata minn Mitsubishi UFJ Financial Group, Inc. ("MUFG", il-Ġappun);

— Kabu.com Securities Co., Ltd ("Kabu.com", il-Ġappun), li hija kkontrollata minn Mitsubishi Securities.

KDDI u Mitsubishi Securities jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Kabu.com.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' offerta ta' akkwist.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— KDDI hija kumpanija tat-telekomunikazzjonijiet li tipprovdi firxa ta' servizzi, inklużi s-servizzi tat-telefown ċellulari, il-komunikazzjoni bil-linja fissa, it-teknoloġiji tal-informazzjoni, il-kummerċ elettroniku, l-enerġija u s-servizzi finanzjarji.

— Mitsubishi Securities hija sussidjarja ta' MUFG li topera mad-dinja kollha u tipprovdi firxa sħiħa ta' servizzi bankarji. Skont ir-reġjun ġeografiku, dawn jinkludu servizzi bankarji bl-imnut, korporattivi u ta' investiment, kif ukoll ġestjoni tal-assi u servizzi ta' bejgħ u kummerċ.

— Kabu.com hija kumpanija tat-titoli li tipprovdi servizzi ta' senserija online lil klijenti li jinsabu fil-Ġappun u tforni sistemi tal-kompjuter, programmi u software għal tranżazzjonijiet ta' titoli online.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9301 — KDDI/Mitsubishi UFJ Securities Holdings/Kabu.com

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.